MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2005

Numru 2230/2003/1

**Wara l-mandat ta' sekwestru 2230/03 fl-ismijiet:**
**Doris Caruana**

**Vs**

**Carmelo Caruana**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tar-rikors** ta**'** Camelo Caruana li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-esponenti huwa penzjonant mill-Malta Drydocks Corporation li ghandu penzjoni ta' circa Lm273 fix-xahar u li dan sab li huwa soggett ghall-sekwestru indikat numru hawn fuq 2230/03 mahrug favur martu legalment separata skond kuntratt ta' separazzjoni tad-29 ta' Jannar, 1992

fejn skond il-kuntratt fl-artikolu 4 ta' l-istess hemm indikat li "*Carmelo Caruana jobbliga ruhu li jhallas manteniment ghal martu Doris Caruana fl-ammont ta' ghoxrin lira Maltija fil-gimgha b'effett mill-llum. Ghal dan l-iskop l-istess Carmelo Caruana qieghed jawtorizza lil min ihaddmu u cioe' lill-Malta Drydocks sabiex din tnaqqaslu direttament hija lill-komparenti Doris Caruana*."

Illi l-esponenti llum il-gurnata ma huwiex haddiem tal-Malta Drydocks imma huwa penzjonat tas-socjeta' *Industrial Projects and Services Limited* u ghalhekk ma hemm l-ebda obbligu min-naha ta' din is-socjeta' li zzomm parti mill-penzjoni biex tigi moghoddija lill-martu Doris; ma hemm l-ebda rabta ezekuttiva!

Illi huwa skopra li nhareg mandat ta' sekwestru kontra tieghu lil din is-socjeta' u dan wara li sar rikors ta' martu Doris Caruana fl-atti msemmija liema rikors ma giex notifikat lilu u ghalhekk huwa ma setax jaghti din ir-risposta ghajr wara li gie infurmat min din is-socjeta' bit-tnaqqis tal-pensjoni tieghu;

Illi ghalhekk din il-qorti hija mitluba biex tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tal-10 ta' Mejju 2004 u tordna li l-mandat ta' sekwestru numru 2230/03 ma ghandux jibqa' fis-sehh fil-konfont ta' din is-socjeta' li ma hi bl-ebda mod indikata fil-kuntratt tas-separazzjoni hawn anness u dan b'referenza ghall-artikolu 836(1) (f) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha kontra Doris Caruana.

Rat **ir-risposta tal-konvenuta a fol. 21** tal-process fejn issottomettiet:

1. illi l-esponenti taghmel riferenza ghar-rikorsipprezentat minn Carmelo Caruana fejn l-esponenti tichad ghal kollox it-talbiet tar-rikorrenti Carmelo Caruana u dana peress li hemm kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet, u dan skond il-kuntratt ta' separazzjoni tad-29 ta' Jannar, 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb liema kuntratt qieghed jigi hawn anness u immarkat bhala *dok. DC1;*

2. illi skond l-istess kuntratt ta’ separazzjoni hemm miktub taht il-klawsola numru (4) li l-*employer* ta’ Carmelo Caruana ghandu jaghti direttament mantiment lil martu ta’ ghoxrin Liri Maltin (Lm20) fil-gimgha. Illi huwa minnu li l-*employer* ta’ Carmelo Caruana kien dak iz-zmien il-Malta Drydocks u llum minhabba l-kambjamenti strutturali li saru f’dawn l-ahhar sentejn fil-Malta Drydocks, ir-rikorrenti Carmelo Caruana qieghed jahdem mas-socjeta’ *Industrial Projects and Services Limited,* liema socjeta’ hija socjeta’ l-gdida tal-Malta Drydocks. Illi l-iskop tal-partijiet meta ffirmaw il-ftehim kien wiehed u dan kien li l-esponenti Doris Caruana jkollha d-dritt li tiehu l-manteniment taghha direttament mill-paga u/jew introjtu ta’ zewgha Carmelo Caruana.

3. illi a rigward l-argument tar-rikorrenti Carmelo Caruana li dan huwa penzjoni u mhux salarju, l-esponenti tinforma lil din l-Onorabbli Qorti li ghandu jgib il-prova l-istess rikorrenti sabiex jurina dan, u jekk huwa ghandu penzjoni xorta wahda ghandu l-obbligu versu martu l-esponenti li mill-penzjoni tieghu, jaghtiha dak li huwa dovut lilha skond l-istess kuntratt ta’ separazzjoni.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi r-rikorrent qed jitlob ir-revoka tal-mandat imsemmi a bazi ta’ l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 billi qed jikkontendi li mhux aktar ragjonevoli li jibqa’ fis-sehh billi bil-penzjoni li ghandu ma jistax ihallas il-manteniment li kien miftiehem skond il-kuntratt ezibit. Fit-tieni lok illum il-gurnata hu m’ghadux haddiem tal-Malta Drydocks imma huwa penzjonat tas-socjeta’ *Industrial Projects and Services Limited* u ghalhekk ma hemm l-ebda obbligu min-naha ta’ din is-socjeta’ li zzomm parti mill-pensjoni biex tigi

moghoddija lill-martu Doris billi ma hemm l-ebda rabta ezekuttiva.

Illi kwantu ghal l-ewwel sottomissjoni tar-rikorrent, hu kien intrabat kontrattwalment li jghaddi l-manteniment lill martu, u l-procedura prezenti adottata minnu mhiex dik idoneja biex jigu mibdula l-kondizzjonijiet kontrattwali pattwiti.

Kwantu ghat-tieni sottomissjoni jirrizulta li meta sar it-tibdil strutturali fid-Dockyard u s-Shipyard hadet *over*, skond Alfred Mifsud, is-Shipyard hadet *over* certi obbligi tad-Drydocks u f'dan il-kaz kellhom parir legali biex il-flus sekwestrati jigu depozitati l-Qorti. L-intimata effettivament harget is-sekwestru kontra r-rikorrent, kif kellha dritt li taghmel, izda din id-darba indikat bhala sekwestratarju lill *Industrial Projects and Services Limited* minghand minn ir-rikorrent kien qed jircievi l-penzjoni. Il-manteniment hu dovut mir-rikorrent kemm jekk jircievi salarju kif ukoll jekk issa qed jircievi penzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba tar-rikorrent
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------